Verżjoni Elettronika

MALTA

ATT Nru XVIII tal-2024

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji, Kap. 386.

ACT No. XVIII of 2024

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Companies Act, Cap. 386.

Verżjoni Elettronika

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
President

17 ta' Mejju, 2024

ATT Nru XVIII tal-2024

ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji, Kap. 386.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2024 li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Kumpaniji, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-"Att prinċipali".

Kap. 386.

(2) L-artikoli 213B, 213Ċ, 213D, it-Taqsima II tar-Raba' Skeda u l-partita fir-rigward tal-artikolu 213Ċ(4) tal-Ħdax-il Skeda tal-Att prinċipali għandhom jidħlu fis-seħħ u għandhom japplikaw għall-impriżi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjonijiet għall-perjodi ta' kontabbilità li jibdew fit-22 ta' Ġunju 2024 jew sussegwentement.

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

2. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minnufih wara t-tifsira "obbligazzjoni"

Verżjoni Elettronika

għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "offerta ta' titoli lill-pubbliku" għandu jkollha, sakemm ma jingħadx mod ieħor, l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar is-Swieq Finanzjarji;";

Kap. 345.

(ii) minnufih wara t-tifsira "reġistratur" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

""Regolament dwar il-Prospett" tfisser ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE, kif jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien, u jinkludi kwalunkwe miżura ta' implimentazzjoni, implimentazzjoni ta' standards tekniċi, standards regolatorji tekniċi u miżuri oħra simili, li ġew maħruġa jew li setgħu ġew maħruġa taħtu;";

(iii) minnufih wara t-tifsira "segretarju ta' kumpanija" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

""sid benefiċjarju" għandu jkollha, sakemm ma jingħadx mod ieħor, l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu u "sjieda benefiċjarja" għandha tinftiehem f'dan is-sens;";

L.S. 373.01.

(b) il-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) is-subparagrafu (v) tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(ii) it-tielet proviso tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll u mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 1(4) u 4 tar-Regolament dwar il-Prospett, l-offerta ta' titoli lill-pubbliku għandhom ikunu eżenti mill-obbligu li jiġi ppubblikat prospett skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament dwar il-Prospett sakemm:

Verżjoni Elettronika

(a) tali offerti ma jkunux soġġetti għan-notifika skont l-Artikolu 25 tal-Regolament dwar il-Prospett; u

(b) il-kunsiderazzjoni totali ta' kull tali offerta fl-Unjoni Ewropea u fiż-ŻEE hija inqas mill-ammont monetarju kkalkulat matul il-perjodu ta' tnax (12)-il xahar li ma għandhiex tkun aktar minn ħames miljun euro (€5,000,000):

Iżda wkoll fir-rigward ta' offerti msemmija fis-subparagrafu (vi) u fit-tielet proviso, l-offerent jista' jfassal prospett skont kwalunkwe mir-regoli applikabbli.".

Emenda tal-artikolu 3A tal-Att prinċipali.

3. L-artikolu 3A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (u) tiegħu, il-kliem "ċerti tipi ta' impriżi hawn iktar 'il quddiem imsejħa "Id-Direttiva dwar it-Trasparenza"," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ċerti tipi ta' impriżi;"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (u) tiegħu, kif emendat, għandhom jiġu miżjuda l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(v) Direttiva (UE) 2019/1151 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 fir-rigward tal-użu ta' għodod u proċessi diġitali fil-liġi dwar il-kumpaniji, u d-Direttiva (UE) 2019/2121 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 fir-rigward ta' konverżjonijiet, mergers u diviżjonijiet transkonfinali;

(w) Direttiva (UE) 2021/2101 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2021 li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu minn ċerti impriżi u fergħat, hawn iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejħa "id-Direttiva dwar ir-Rappurtar għal Kull Pajjiż",".

Emenda tal-artikolu 79 tal-Att prinċipali.

4. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 79 tal-Att prinċipali, il-kelma "mitbugħa" għandha tiġi mħassra u minnufih wara l-kliem "jew kull trasferiment jew trasmissjoni ta' azzjonijiet jew xi għoti ta' azzjonijiet." għandhom jiġu miżjuda l-kliem "Meta kopja tal-memorandum u tal-

Verżjoni Elettronika

istatut, jekk ikun il-każ, jiġu konsenjati lir-Reġistratur b'mezz elettroniku, tali kopja elettronika għandha tiġi awtentikata skont l-artikolu 82.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 83 tal-Att prinċipali.

5. L-artikolu 83 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"83. (1)(a) Kumpanija tista' permezz ta' riżoluzzjoni straordinarja tal-laqgħa ġenerali tnaqqas il-kapital azzjonarju maħruġ jew riżervi li ma jistgħux jitqassmu, inkluż għal skopijiet sabiex joħolqu riżerva distriwibbli. Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe perċentawli ogħla minn dak meħtieġ minn riżoluzzjoni straordinarja, hekk kif jista' jiġi stabbilit fil-memorandum jew fl-istatut tal-kumpanija.

(b) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (9), riżerva li toħrog minn tnaqqis tal-kapital azzjonarju maħruġ jew riżervi li ma jistgħux jitqassmu magħmula skont is-subartikoli (1) sa (3) għandhom jiġu trattati bħala profitt awtorizzat għall-finijiet tal-Kapitolu XI tat-Titolu I tat-Taqsima V ta' dan l-Att.

(ċ) L-avviż li jsejjaħ il-laqgħa ġenerali li fiha għandha tittieħed riżoluzzjoni straordinarja kif imsemmi fil-paragrafu (a) għandu, b'żieda mar-rekwiżiti stabbiliti fl-artikolu 135(1)(a), jispeċifika wkoll l-għan tat-tnaqqis u l-mod kif dan ser jitwettaq.

(d) Tnaqqis fil-kapital azzjonarju għandu jkun null sa fejn inaqqas il-kapital għal inqas mill-minimu preskritt bl-artikolu 72.

(2) Kopja tar-riżoluzzjoni msemmija fis-subartikolu (1)(a) għandha tintbagħat mid-diretturi jew mis-segretarju tal-kumpanija lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni.

(3) Tnaqqis tal-kapital azzjonarju maħruġ jew riżervi ta' kumpanija li ma jistgħux jitqassmu għandu jidħol fis-seħħ minnufih mal-iskadenza ta' tliet (3) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fl-artikolu 401(1)(e):

Iżda jekk kreditur tal-kumpanija li d-dejn tagħha jkun eżista qabel il-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija f'dan is-subartikolu joġġezzjona b'rikors ġuramentat ippreżentat fi żmien it-tliet (3) xhur ikkalkulati kif imsemmi qabel u jissodisfa lill-Qorti li minħabba t-tnaqqis propost ser jiġu ppreġudikati t-talbiet tiegħu u li ma ġewx miksuba salvagwardi adegwati mill-

Verżjoni Elettronika

kumpanija, il-Qorti tista' jew tilqa' l-oġġezzjoni jew tippermetti t-tnaqqis billi tingħata siġurtà suffiċjenti.

(4) Ir-Reġistratur tal-Qrati għandu mingħajr dewmien jagħmel mezz li kopja ta' kwalunkwe rikors preżentat skont is-subartikolu (3) u ta' kwalunkwe deċiżjoni mogħtija fuqu tintbagħat lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni.

(5) Ir-rinunzja totali jew parzjali għall-parti mhux imħallsa ta' azzjonijiet maħruġa u l-ħelsien tad-detenturi ta' dawk l-azzjonijiet mill-obbligu tagħhom li jħallsu dik il-parti mhux imħallsa għandha, minkejja dak kollu li jinsab fil-memorandum jew fl-istatut ta' kumpanija, fil-każijiet kollha titqies bħala tnaqqis fil-kapital azzjonarju.

(6) Meta jkun hemm klassijiet diversi ta' azzjonijiet, id-deċiżjoni mil-laqgħa ġenerali dwar tnaqqis fil-kapital maħruġ għandha tkun soġġetta għal vot separat għal kull klassi ta' azzjonisti li l-jeddijiet tagħhom jintlaqtu bit-tnaqqis, u għal kull vot separat li jittieħed għandha tkun meħtieġa l-istess maġġoranza daqslikieku l-azzjonijiet ma kinux maqsuma fi klassijiet differenti.

(7) Tnaqqis tal-kapital azzjonarju maħruġ jew riżervi li ma jistgħux jitqassmu li l-għan tiegħu hu li jpaċi t-telf li jkun sar għandu jidħol fis-seħħ malli tiġi reġistrata r-riżoluzzjoni dwar tali tnaqqis skont is-subartikolu (2) u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ma għandhomx japplikaw.

(8) Tnaqqis tal-kapital azzjonarju maħruġ li l-għan tiegħu hu li jiġu inklużi somom ta' flus f'riżerva għandu jidħol fis-seħħ minnufih mar-reġistrazzjoni tar-riżoluzzjoni li tikkonċerna tali tnaqqis skont is-subartikolu (2) u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ma għandhomx japplikaw:

Iżda wara din it-tali operazzjoni, l-ammont tar-riżerva ma għandux ikun iżjed minn għaxra fil-mija tal-kapital azzjonarju maħruġ kif imnaqqas:

Iżda wkoll kwalunkwe tali riżerva għandha tintuża biss sabiex tpaċi telf li jkun sar jew sabiex jiżdied il-kapital azzjonarju maħruġ bil-kapitalizzazzjoni ta' tali riżerva.

(9) Fil-każijiet imsemmija fis-subartikolu (8) l-ammonti li jinkisbu mit-tnaqqis ma jistgħux jintużaw sabiex isiru ħlasijiet jew tqassim lill-azzjonisti jew sabiex jeħilsu azzjonisti mill-obbligu li jħallsu għas-sejħiet fuq l-azzjonijiet tagħhom.

Verżjoni Elettronika

(10) Il-projbizzjoni msemmija fis-subartikolu (9) ma għandhiex tapplika għal kwalunkwe ammont derivat mit-tnaqqis ta' kwalunkwe riżerva msemmija fis-subartikolu (8) fejn:

(a) it-tnaqqis imsemmi hu awtorizzat permezz ta' riżoluzzjoni straordinarja ta' laqgħa ġenerali skont is-subartikolu (1);

(b) ir-riżoluzzjoni hawn fuq imsemmija tingħata lir-Reġistratur skont is-subartikolu (2); u

(ċ) id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) jiġu applikati għat-tnaqqis.

(11) Avviż tat-tnaqqis tal-kapital azzjonarju maħruġ għandu jintbagħat mill-kumpanija lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, fi żmien erbatax (14)-il ġurnata mid-data effettiva tat-tnaqqis:

Iżda l-avviż imsemmi f'dan is-subartikolu ma għandux ikun meħtieġ fir-rigward ta' tnaqqis ta' riżervi li ma jistgħux jitqassmu jew għall-kont tal-premium tal-azzjonijiet skont l-artikolu 114(1) jew għat-tnaqqis fil-fond tar-riżerva għall-fidi tal-kapital skont l-artikolu 115(1)(e).

(12) F'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (11), kull uffiċjal tal-kumpanija li jkun naqas għandu jeħel penali amministrattiva.".

Emenda tal-artikolu 84 tal-Att prinċipali.

6. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 84 tal-Att prinċipali, il-kliem "iffurmata bħala kumpanija ta' investiment" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "iffurmata bħala, jew tiġi kkonvertita għal, kumpanija ta' investiment".

Emenda tal-artikolu 106 tal-Att prinċipali.

7. Minnufih wara s-subartikolu (5) tal-artikolu 106 tal-Att prinċipali għandhom jiġu miżjuda s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(6) Il-kumpanija tista', fi kwalunkwe żmien, tikkanċella kwalunkwe azzjonijiet akkwistati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u l-artikolu 83 ma għandux japplika għal tali kanċellament. Malli l-kanċellament ikun effettiv, l-ammont tal-kapital azzjonarju maħruġ għandu jitnaqqas kif xieraq bil-valur nominali tal-azzjonijiet ikkanċellati.

(7) Fi żmien erbatax (14)-il jum wara li l-kanċellament tal-azzjonijiet isir effettiv kif stabbilit fis-subartikolu (6), il-kumpanija għandha tibgħat lir-Reġistratur avviż għar-reġistrazzjoni.

Verżjoni Elettronika

(8) F'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (7), kull uffiċjal tal-kumpanija li jkun wettaq in-nuqqas għandu jeħel penali amministrattiva.".

Emenda tal-artikolu 107 tal-Att prinċipali.

8. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 107 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (d) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) akkwistati fi kwalunkwe proċedura ġdida għat-tibdil, l-amalgamazzjoni jew il-qsim ta' kumpaniji skont id-dispożizzjonijiet li jinsabu fit-Taqsimiet VII, VIII u IX ta' dan l-Att rispettivament, jew akkwistati xort'oħra fi kwalunkwe proċedura għat-tibdil, għall-amalgamazzjoni jew għall-qsim ta' kumpaniji transkonfini skont ir-Regolamenti dwar Cross-border Divisions of Limited Liability Companies, ir-Regolamenti dwar Cross-border Conversions of Limited Liability Companies u r-Regolamenti dwar Cross-border Mergers of Limited Liability Companies; jew";

L.S. 386.26.

L.S. 386.27.

L.S. 386.28.

(b) il-paragrafu (f) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) akkwistati mill-kumpanija mingħand azzjonisti li ma jaqblux skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u regolamenti magħmula taħtu jew skont ordni tal-Qorti magħmula taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u regolamenti magħmula taħtu għax-xiri mill-ġdid ta' azzjonijiet miżmuma minn azzjonisti li ma jaqblux, inkluż kwalunkwe ordni magħmula skont l-artikolu 402(3)(d); jew".

Emenda tal-artikolu 109 tal-Att prinċipali.

9. Fil-paragrafu (b) tal-artikolu 109 tal-Att prinċipali, il-kliem "għandha tkun inkluża mar-riżervi." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għandha tkun inkluża mar-riżervi:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wara l-kanċellazzjoni tal-azzjonijiet skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 106(6) jew tal-artikolu 107(2), ir-riżervi msemmijin fil-paragrafu (b) għandhom jiġu mqassma.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 129 tal-Att prinċipali.

10. L-artikolu 129 tal-Att prinċipali għandu jiġu sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"129. (1) Id-diretturi ta' kumpanija, fuq talba ta' wieħed

Verżjoni Elettronika

jew iktar mill-membri tal-kumpanija li jkollhom mhux anqas minn wieħed minn kull għaxra tal-kapital azzjonarju mħallas tal-kumpanija fid-data tal-konsenja tat-talba, liema kapital azzjonarju jagħti l-jedd għall-vot f'laqgħat ġenerali tal-kumpanija, għandhom debitament minnufih jipproċedu sabiex isejħu laqgħa ġenerali straordinarja tal-kumpanija fi żmien wieħed u għoxrin (21) jum mid-data tal-konsenja tat-talba, li għandha tinżamm mhux inqas minn xahrejn (2) mid-data tal-konsenja tat-talba.

(2) It-talba għandha tiddikjara l-iskopijiet tal-laqgħa u għandha tiġi ffirmata minn min jitlob il-laqgħa u konsenjata fl-uffiċċju reġistrat tal-kumpanija u tista' tikkonsisti minn diversi dokumenti tal-istess għamla, kull wieħed iffirmat minn dawk kollha li qed jitolbu l-laqgħa.

(3) Jekk id-diretturi ma jipproċedux debitament sabiex tinżamm il-laqgħa kif stipulat fis-subartikolu (1), dawk li jkunu talbuha jistgħu jsejħu laqgħa bl-istess mod, kemm jista' jkun, bħal meta laqgħat jiġu msejħa mid-diretturi, u tali laqgħa hekk imsejħa għandha ssir qabel ma jgħaddu tliet (3) xhur mid-data tad-depożitu tat-talba.

(4) Kwalunkwe spiża raġonevoli li ssir minn min ikun qed jitlob il-laqgħa minħabba n-nuqqas tad-diretturi li jsejħu laqgħa, għandha titħallas lura lil min jitlob il-laqgħa mill-kumpanija, u kwalunkwe somma hekk imħallsa lura għandha tkun dovuta personalment mid-diretturi li kienu inadempjenti u tista' tinżamm mill-kumpanija minn kwalunkwe ammont dovut jew li jsiru dovuti mill-kumpanija bħala drittijiet jew remunerazzjoni oħra fir-rigward tas-servizzi tagħhom lil dawk id-diretturi li kienu inadempjenti.".

Emenda tal-artikolu 142 tal-Att prinċipali.

11. Il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 142 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) tkun instabet ħatja ta' reat ta' money laundering kif imfisser fl-Att kontra *Money Laundering*, reati predikati assoċjati ma' money laundering u ffinanzjar ta' terroriżmu, jew ta' kwalunkwe reat kontra l-fiduċja pubblika jew ta' serq jew ta' frodi jew li xjentement tkun irċeviet proprjetà miksuba b'serq jew bi frodi;". Kap. 373.

Emenda tal-artikolu 146 tal-Att prinċipali.

12. Fil-proviso tas-subartikolu (1) tal-artikolu 146 tal-Att prinċipali l-kliem "jekk id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ikunux tħarsu." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jekk id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ikunux tħarsu:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

Verżjoni Elettronika

"Iżda wkoll persuna li tkun inħatret b'ordni tal-Qorti jew ta' awtorità kompetenti bħala amministratur, rappreżentant legali jew bħala l-persuna *de facto* inkarigata mit-tmexxija u l-amministrazzjoni ta' kumpanija għandha, fi żmien erbatax (14)-il jum minn tali ħatra, tissottometti lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni prospett fuq il-formola preskritta li tispeċifika d-data tal-ħatra, flimkien mal-isem u r-residenza jew indirizz għan-notifika, jew l-isem, l-uffiċċju reġistrat u n-numru ta' reġistrazzjoni, skont il-każ. L-imsemmi amministratur, rappreżentant legali jew il-persuna *de facto* inkarigata mit-tmexxija u l-amministrazzjoni tal-kumpanija għandha fi żmien erbatax (14)-il jum minn meta tirreżenja jew titneħħa mill-istess kariga tissottometti lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni prospett fuq il-formola preskritta.".

13. L-artikolu 151 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 151 tal-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(6) Jekk kumpanija tonqos milli tagħti l-avviż meħtieġ fis-subartikoli (5) jew (9), kull uffiċjal tal-kumpanija li jkun naqas għandu jeħel penali amministrattiva, u għal kull jum li matulu jippersisti n-nuqqas, penali amministrattivi ulterjuri.";

(b) minnufih wara s-subartikolu (8) tiegħu għandu jiġi miżjud is-subartikolu ġdid li ġej:

"(9) Meta jiġi maħtur l-ewwel awditur tal-kumpanija u kull meta awditur ġdid jiġi maħtur wara li l-awditur ta' qablu jkun irriżenja jew tneħħa, il-kumpanija għandha, fi żmien erbatax (14)-il jum minn tali ħatra, tissottometti lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni prospett fil-formola preskritta, li permezz tagħha tinforma lir-Reġistratur bl-isem u l-kunjom u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-warrant tal-awditur maħtur.".

14. Minnufih wara l-artikolu 213A tal-Att prinċipali għandhom Żieda ta' artikoli ġodda fl-Att prinċipali.

Verżjoni Elettronika

jiġu miżjuda l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Impriżi u fergħat li huma meħtieġa jirrapportaw fir-rigward tal-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu.

213B. (1) Impriżi parent aħħarija regolati mil-liġijiet ta' Malta kif imfissra fir-Raba' Skeda, fejn id-dħul konsolidat fid-data tal-karta tal-bilanċ tagħhom qabeż it-total ta' seba' mija u ħamsin miljun euro (€750,000,000) għal kull sena mill-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi, kif rifless fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati tagħhom, għandhom ifasslu, jippubblikaw u jagħmlu aċċessibbli rapport fuq l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu, kif dettaljat fit-Taqsima II tar-Raba' Skeda, fir-rigward tal-aħħar sena minn dawk is-sentejn finanzjarji konsekuttivi:

Iżda impriża parent aħħarija ma għandhiex tibqa' iżjed soġġetta għall-obbligi ta' rappurtar stipulati fis-subartikolu (1) fejn id-dħul konsolidat totali fid-data tal-karta tal-bilanċ tagħha jaqa' taħt is-seba' mija u ħamsin miljun euro (€750,000,000) għal kull sena mill-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi kif rifless fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati tagħha.

(2) Impriżi awtonomi regolati mil-liġijiet ta' Malta, fejn id-dħul fid-data tal-karta tal-bilanċ tagħhom qabeż it-total ta' seba' mija u ħamsin miljun euro (€750,000,000) għal kull sena mill-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi, kif rifless fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali tagħhom, għandhom ifasslu, jippubblikaw u jagħmlu aċċessibbli rapport rigward l-informazzjoni fuq it-taxxa fuq l-introjtu, kif dettaljat fit-Taqsima II tar-Raba' Skeda, dwar it-taxxa fuq l-introjtu fir-rigward tal-aħħar sena minn dawk is-sentejn finanzjarji konsekuttivi:

Iżda impriża awtonoma ma għandhiex tibqa' iżjed soġġetta għall-obbligi ta' rappurtar stipulati fis-subartikolu (2) fejn id-dħul konsolidat totali fid-data tal-karta tal-bilanċ tagħha jaqa' taħt is-seba' mija u ħamsin miljun euro (€750,000,000) għal kull sena mill-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi kif rifless fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati tagħha.

Verżjoni Elettronika

(3) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fis-subartikoli (1) u (2) ma għandhomx japplikaw għal impriżi awtonomi jew impriżi parent aħħarija u l-impriżi affiljati tagħhom, fejn tali impriżi, inkluż il-fergħat tagħhom, ikunu stabbiliti, jew ikollhom il-postijiet fissi ta' negozju jew l-attività permanenti ta' negozju, fit-territorju ta' Stat Membru wieħed jew fi stat li hu membru taż-Żona Ekonomika Ewropea u fl-ebda ġuriżdizzjoni tat-taxxa oħra.

(4) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fis-subartikoli (1) u (2) ma għandhomx japplikaw għal impriżi awtonomi u impriżi parent aħħarija fejn tali impriżi jew l-impriżi affiljati tagħhom jiżvelaw rapport, f'konformità mal-Artikolu 89 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, li jinkludi informazzjoni dwar l-attivitajiet kollha tagħhom u, fil-każ tal-impriżi parent aħħarija, dwar l-attivitajiet kollha tal-impriżi affiljati kollha inklużi fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati.

(5) Impriżi sussidjarji ta' daqs medju u kbir kif imsemmija fil-paragrafu (1) tat-Tielet Skeda li huma regolati mil-liġijiet ta' Malta u kkontrollati minn impriża parent aħħarija li ma tkunx regolata mil-liġi ta' Stat Membru jew ta' stat li hu membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, fejn id-dħul konsolidat fid-data tal-karta tal-bilanċ tagħha qabeż it-total ta' seba' mija u ħamsin miljun euro (€750,000,000) għal kull sena mill-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi, kif rifless fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati tagħha, għandhom jippubblikaw u jagħmlu aċċessibbli rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu, kif dettaljat fit-Taqsima II tar-Raba' Skeda, li jikkonċerna dik l-impriża parent aħħarija fir-rigward tal-aħħar sena minn dawk is-sentejn finanzjarji konsekuttivi:

Iżda fejn dik l-informazzjoni jew dak ir-rapport ma jkunux disponibbli, l-impriża sussidjarja għandha titlob lill-impriża parent aħħarija tagħha sabiex tipprovdiha bl-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tippermettilha li twettaq l-obbligi tagħha skont is-subartikolu (5). Jekk l-impriża parent aħħarija ma tipprovdix l-informazzjoni kollha meħtieġa, l-impriża sussidjarja għandha tfassal, tippubblika u tagħmel aċċessibbli rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu, kif dettaljat fit-Taqsima II tar-Raba' Skeda, li jkun fih l-informazzjoni kollha fil-pussess tagħha, miksuba jew akkwistata, u dikjarazzjoni li tindika li l-impriża parent aħħarija tagħha ma għamlitx l-informazzjoni meħtieġa disponibbli:

Iżda wkoll l-impriżi sussidjarji ta' daqs medju u kbir ma għandhomx jibqgħu soġġetti għall-obbligi ta' rappurtar stabbiliti fis-subartikolu (5) fejn id-dħul konsolidat totali tal-impriża parent aħħarija fid-data tal-karta tal-bilanċ tagħha jaqa' taħt is-seba' mija u ħamsin miljun euro (€750,000,000) għal kull sena mill-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi kif rifless fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati tagħha.

(6) Fergħat miftuħa f'Malta minn impriżi li ma jkunux regolati mil-liġi ta' Stat Membru jew mil-liġi ta' stat li hu membru taż-Żona Ekonomika Ewropea għandhom jippubblikaw u jagħmlu aċċessibbli rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu, kif dettaljat fit-Taqsima II tar-Raba' Skeda, li tikkonċerna l-impriża parent aħħarija jew l-impriża awtonoma msemmija fil-paragrafu (a) tal-ħames proviso ta' dan is-subartikolu, fir-rigward tal-aħħar sena tal-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi:

Iżda fejn dik l-informazzjoni jew dak ir-rapport ma jkunx disponibbli, ir-Reġistratur għandu jitlob lill-impriża parent aħħarija jew lill-impriża awtonoma msemmija fil-paragrafu (a) tal-ħames proviso ta' dan is-subartikolu sabiex tipprovdilu l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex ikun jista' jwettaq l-obbligi tiegħu:

Verżjoni Elettronika

Iżda wkoll fil-każ li ma tiġix ipprovduta l-informazzjoni kollha meħtieġa, il-fergħa għandha tfassal, tippubblika u tagħmel aċċessibbli rapport fuq l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu, kif dettaljat fit-Taqsima II tar-Raba' Skeda, li jkun fih l-informazzjoni kollha fil-pussess tagħha, miksuba jew akkwistata, u dikjarazzjoni li tindika li l-impriża parent aħħarija jew l-impriża awtonoma ma għamlitx l-informazzjoni meħtieġa disponibbli:

Iżda wkoll l-obbligi ta' rappurtar stabbiliti f'dan is-subartikolu għandhom japplikaw biss għal fergħat li għandhom fatturat nett li qabeż il-limitu konformement mal-artikolu 185(1) għal kull sena mill-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi:

Iżda wkoll fergħa soġġetta għall-obbligi ta' rappurtar skont dan is-subartikolu ma għandhiex tibqa' soġġetta għal dawk l-obbligi fejn il-fatturat nett tagħha jaqa' taħt il-limitu skont l-artikolu 185(1) għal kull sena mill-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi:

Iżda wkoll ir-regoli stabbiliti f'dan is-subartikolu għandhom japplikaw għal fergħa biss fejn jiġu sodisfatti l-kriterji li ġejjin:

(a) l-impriża li fetħet il-fergħa tkun jew impriża affiljata ta' grupp li l-impriża parent aħħarija tagħha ma tkunx regolata mil-liġi ta' Stat Membru jew mil-liġi ta' stat li jkun membru taż-Żona Ekonomika Ewropea u li d-dħul konsolidat tagħha fid-data tal-karta tal-bilanċ tagħha jkun qabeż total ta' seba' mija u ħamsin miljun euro (€750,000,000) għal kull sena mill-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi, kif rifless fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati tagħha, jew impriża awtonoma li d-dħul tagħha fid-data tal-karta tal-bilanċ tagħha qabeż għal kull sena mill-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi total ta' seba' mija u ħamsin miljun euro (€750,000,000) kif rifless fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħha; u

(b) l-impriża parent aħħarija msemmija fil-paragrafu (a) ma jkollhiex impriża sussidjarja ta' daqs medju jew kbir kif imsemmi fis-subartikolu (5):

Verżjoni Elettronika

Iżda fergħa ma għandhiex tibqa' soġġetta għall-obbligi ta' rappurtar stabbiliti f'dan is-subartikolu fejn il-kriterju previst fil-paragrafu (a) ma jibqax jiġi sodisfatt għal sentejn finanzjarji konsekuttivi.

(7) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fis-subartikoli (5) u (6) ma għandhomx japplikaw fejn rapport dwar l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu jitfassal minn impriża parent aħħarija jew impriża awtonoma li ma tkunx regolata mil-liġi ta' Stat Membru jew mil-liġi ta' stat membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, b'mod li jkun konsistenti mar-Raba' Skeda, u li jissodisfa l-kriterji li ġejjin:

(a) isir aċċessibbli għall-pubbliku, mingħajr ħlas u f'format ta' rappurtar elettroniku li jinqara mill-magni:

(i) fuq is-sit tal-web ta' dik l-impriża parent aħħarija jew ta' dik l-impriża awtonoma;

(ii) f'mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni;

(iii) mhux aktar tard minn tnax (12)-il xahar wara d-data tal-karta tal-bilanċ tas-sena finanzjarja li għaliha jkun tfassal ir-rapport; u

(b) jidentifika l-isem u l-uffiċċju reġistrat ta' impriża sussidjarja unika, jew l-isem u l-indirizz ta' fergħa unika regolata mil-liġi ta' Stat Membru jew mil-liġi ta' stat li hu membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, li tkun ippubblikat rapport f'konformità mal-Artikolu 48d(1) tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar għal Kull Pajjiż.

(8) Impriżi sussidjarji jew fergħat li ma jkunux soġġetti għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (5) u (6) għandhom jippubblikaw u jagħmlu aċċessibbli rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu fejn tali impriżi sussidjarji jew fergħat ma jservu l-ebda għan ieħor ħlief dak li jevadu l-obbligi tar-rappurtar stabbiliti f'dan l-artikolu u fir-Raba' Skeda.

Verżjoni Elettronika

Responsabbiltà li jitfassal, jiġi ppubblikat u jsir aċċessibbli r-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu.

213Ċ. (1) Id-diretturi tal-impriżi parent aħħarin jew l-impriżi uniċi msemmija fl-artikoli 213B(1) u (2), filwaqt li jaġixxu fil-qafas tal-kompetenzi assenjati lilhom skont il-liġi ta' Malta, għandu jkollhom responsabbiltà kollettiva sabiex jiżguraw li r-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu jiġi mfassal, ippubblikat u jsir aċċessibbli skont l-artikolu 213B u t-Taqsima II tar-Raba' Skeda.

(2) Id-diretturi tal-impriżi sussidjarji msemmija fl-artikolu 213B(5) u l-persuni nominati sabiex iwettqu l-formalitajiet tad-divulgazzjoni provduti fl-Artikolu 41 tad-Direttiva (UE) 2017/1132 għall-fergħat kif imsemmija fl-artikolu 213B(6), filwaqt li jaġixxu fil-qafas tal-kompetenzi assenjati lilhom mill-Att, għandu jkollhom responsabbiltà kollettiva sabiex jiżguraw, fl-aħjar għarfien u kapaċità tagħhom, li r-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu jitfassal b'mod li jkun konsistenti jew f'konformità ma', kif applikabbli, l-artikolu 213B u t-Taqsima II tar-Raba' Skeda, u li jiġi ppubblikat u jkun aċċessibbli skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima II tar-Raba' Skeda.

(3) Kwalunkwe direttur jew persuna msemmija fis-subartikoli (1) u (2) għandhom jinnotifikaw lir-Reġistratur jekk l-impriża li hu jirrappreżenta hijiex impriża parent aħħarija jew impriża awtonoma jew impriża sussidjarja jew impriża affiljata jew fergħa skont it-tifsira tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 213B, mhux aktar tard mill-aħħar jum għar-reġistrazzjoni mar-Reġistratur tar-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu u d-dikjarazzjoni kif dettaljat fit-Taqsima II tar-Raba' Skeda.

(4) Kwalunkwe direttur jew persuna msemmija fis-subartikoli (1) u (2) li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew tal-artikoli 213B jew 213D jew tat-Taqsima II tar-Raba' Skeda għandha teħel penali amministrattiva, u għal kull ġurnata li jippersisti n-nuqqas, penali amministrattiva ulterjuri.

Verżjoni Elettronika

Dikjarazzjoni minn awditur statutorju.

213D. Fejn ikun meħtieġ li d-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' impriża regolata mil-liġi ta' Stat Membru jew mil-liġi ta' stat li hu membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jiġu awditjati minn awditur statutorju wieħed jew aktar jew minn ditti tal-awditjar, fir-rapport tal-awditjar għandu jiddikjara jekk, fis-sena finanzjara ta' qabel is-sena finanzjarja li għaliha tħejjew id-dikjarazzjonijiet li qed jiġu awditjati, l-impriża kinitx meħtieġa skont l-Artikolu 48b tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar għal Kull Pajjiż jew skont it-Taqsima II tar-Raba' Skeda li tippubblika rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu, u jekk ikun il-każ, jekk ir-rapport ġiex ippubblikat skont l-Artikolu 48d tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar għal Kull Pajjiż jew skont it-Taqsima II tar-Raba' Skeda.".

Emenda tal-artikolu 218 tal-Att prinċipali.

15. Fis-subartikolu (4) tal-artikolu 218 tal-Att prinċipali l-kliem "jkun spedjenti u" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jkun spedjenti jew".

Emenda tal-artikolu 224 tal-Att prinċipali

16. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 224 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Meta jkun sar ordni għal stralċ jew ikun inħatar amministratur provviżorju skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 228, ma għandha tinbeda jew titkompla l-ebda azzjoni jew proċedura kontra l-kumpanija jew il-proprjetà tagħha, ħlief bil-permess tal-Qorti u soġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Qorti tista' timponi.".

Emenda tal-artikolu 400 tal-Att prinċipali.

17. Minnufih wara s-subartikolu (2) tal-artikolu 400 tal-Att prinċipali għandu jiġi miżjud is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Minkejja kwalunkwe ħaġa kuntrarja li tinsab f'dan l-Att jew fi kwalunkwe liġi oħra, ir-Reġistratur u kwalunkwe persuna oħra awtorizzata skont is-subartikolu (2) għandhom ikunu eżenti minn kwalunkwe responsabbiltà personali li tkun, inkluża kwalunkwe responsabbiltà bħala danni għal xi ħaġa li tkun saret jew naqset milli ssir fit-twettiq jew f'dak it-twettiq li suppost isir ta' xi funzjoni tiegħu taħt dan l-Att jew taħt kwalunkwe liġi oħra, jew inkella fl-eżerċizzju tad-dmirijiet uffiċjali tiegħu, sakemm ma jkunx ippruvat li l-att jew l-ommissjoni jkunu saru jew naqsu milli jsiru, skont il-każ, *in mala fede*.".

Emenda tal-artikolu 401 tal-Att prinċipali.

18. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 401 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej

Verżjoni Elettronika

(a) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minnufih wara l-kliem "taħt dan l-Att" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "u kwalunkwe liġi sussidjarja oħra, inkluż imma mhux limitat għal investigazzjonijiet fuq il-post sabiex jiġi vverifikat li l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà kummerċjali verament jeżisti u huwa validu;";

(b) fil-paragrafu (l) tiegħu, il-kliem "u preżentata ta' dokumenti u informazzjoni *online*; u" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "u preżentata ta' dokumenti u informazzjoni online;";

(ċ) fil-paragrafu (m) tiegħu, il-kliem "u li jkunu vinkolanti fuq kumpaniji u l-uffiċjali tagħhom." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "u li jkunu vinkolanti fuq kumpaniji u l-uffiċjali tagħhom;";

(d) minnufih wara l-paragrafu (m) tiegħu, kif emendat, għandhom jiġu miżjuda l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(n) li jwettaq spezzjonijiet fuq il-post ta' soċjetajiet kummerċjali sabiex jivverifika li l-azzjonisti u, jew is-sidien benefiċjarji huma dawk żvelati lir-Reġistratur;

(o) li jistabbilixxi, jamministra u jżomm repożitorju ċentrali tad-data;

(p) li jistabbilixxi, jamministra u jżomm reġistru ta' korpi ġuridiċi u impriżi barranin li għandhom attività kummerċjali sinifikanti f'Malta; u

(q) li jistabbilixxi, jamministra u jżomm kwalunkwe reġistru ieħor, u kwistjonijiet anċillari jew inċidentali għal dan, li jistgħu jkunu meħtieġa minn żmien għal żmien, wara konsultazzjoni mal-Ministru.".

19. L-artikolu 425 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 425 tal-Att prinċipali

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (oa) tiegħu, il-kliem "bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet u ħtiġiet li jistgħu jiġu preskritti; u" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet u rekwiżiti li jistgħu jiġu preskritti;";

(ii) fil-paragrafu (p) tiegħu, il-kliem "supplementari għal xi waħda mill-ħwejjeġ ta' hawn fuq." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "supplementari għal xi

Verżjoni Elettronika

waħda mill-ħwejjeġ ta' hawn fuq; u";

(iii) minnufih wara l-paragrafu (p) tiegħu, kif emendat, għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"(q) jippreskrivi u jipprovdi r-regolamenti neċessarji, ir-rekwiżiti u l-linji gwida meħtieġa fir-rigward tat-twaqqif, l-amministrazzjoni u ż-żamma tar-repożitorju ċentrali tad-data u kwalunkwe reġistru ieħor li r-Reġistratur jista' jkun meħtieġ li jżomm fil-qadi ta' dmirijietu, inkluż kwalunkwe kwalifiki ta' aċċess, u jista' wkoll jimponi drittijiet għal dan l-aċċess, skont kif jidhirlu xieraq ir-Reġistratur.";

(b) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) għall-fini li jippermettu korp ġuridiku, iffurmat u inkorporat jew reġistrat f'pajjiż li mhux Malta, li jitkompla jew jinbidel bħala korp ġuridiku skont dan l-Att u taħt il-liġijiet applikabbli ta' Malta,";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, il-kliem "t-tkomplija ta' kumpanija reġistrata" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "t-tkomplija jew il-bidla ta' korp ġuridiku reġistrat" u l-kliem "li ma jkunx Malta." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "li ma jkunx Malta, u";

(iii) minnufih wara l-paragrafu (b) tiegħu, kif emendat, għandu jiġi miżjud dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) għall-fini li jippermetti korp ġuridiku wieħed jew aktar, iffurmati u inkorporati jew reġistrati f'pajjiż li mhux Malta, li jwettqu għaqda transkonfinali jew diviżjoni transkonfinali ma', jew li b'mod ieħor tinvolvi korp ġuridiku stabbilit jew li ser jiġi stabbilit skont dan l-Att u skont il-liġijiet ta' Malta applikabbli."; u

(iv) fl-aħħar paragrafu tiegħu, minnufih wara l-kliem "xi tkomplija" għandhom jiġu miżjuda l-kliem ", bidla transkonfinali, għaqda transkonfinali jew diviżjoni transkonfinali".

Verżjoni Elettronika

20. Ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej: Emenda għar-Raba' Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

(a) minnufih wara l-intestatura tagħha, il-kliem "(Artikolu 213A)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "(Artikoli 213A - 213D)";

(b) fis-subintestatura tagħha, il-kliem "Rapport dwar Pagamenti lil Gvernijiet", għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Rapporti dwar Pagamenti lill-Gvernijiet u Informazzjoni dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu" u minnufih wara għandhom jiġu miżjuda s-subintestaturi addizzjonali "Taqsima I" u "Rapport dwar Pagamenti lill-Gvernijiet" u l-Arranġament tal-Att tiegħu għandu jiġi emendat kif meħtieġ;

(ċ) fil-paragrafu 1 tagħha, il-kliem "Għall-finijiet ta' din l-Iskeda," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Għall-finijiet ta' din it-Taqsima ta' din l-Iskeda,"; u

(d) minnufih wara l-paragrafu 5 tagħha għandha tiġi miżjuda t-Taqsima ġdida li ġejja:

"Taqsima II

RAPPORT DWAR ĦLASIJIET RIGWARD
INFORMAZZJONI DWAR TAXXA FUQ L-INTROJTU

Tifsiriet rigward rappurtar dwar informazzjoni dwar taxxa fuq l-introjtu

1. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima ta' din l-Iskeda għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin:

"impriża parent aħħarija" tfisser impriża li tfassal id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati tal-akbar korp ta' impriżi;

"dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati" tfisser id-dikjarazzjonijiet finanzjarji mħejjija minn impriża parent ta' grupp, fejn l-attiv, il-passiv, l-ekwità, id-dħul u l-ispejjeż jiġu ppreżentati bħala dawk ta' entità ekonomika waħdanija;

"ġurisdizzjoni tat-taxxa" tfisser il-ġuriżdizzjoni ta' Stat jew ta' entità li mhux Stat li jkollhom awtonomija fiskali fir-rigward ta' taxxa fuq l-introjtu korporattiv;

"impriża awtonoma" tfisser impriża li ma tiffurmax parti minn grupp kif imfisser fl-artikolu 2.

Verżjoni Elettronika

2. Għall-finijiet tal-artikolu 213B "dħul" għandu jkollha l-istess tifsira bħal:

"dħul" kif imfisser jew li jaqa' fi ħdan it-tifsira tal-qafas tar-rappurtar finanzjarju li abbażi tiegħu jiġu mħejjija d-dikjarazzjonijiet finanzjarji, għal impriżi oħra; jew

"fatturat nett", għal impriżi regolati mil-liġi ta' Stat Membru jew mil-liġi ta' stat li hu membru taż-Żona Ekonomika Ewropea li ma japplikawx standards internazzjonali tal-kontabbilità adottati abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabbilità.

Il-kontenut tar-rapport tal-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu

3. Ir-rapport tal-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu meħtieġ skont l-artikolu 213B għandu jinkludi informazzjoni li tirrigwarda l-attivitajiet kollha tal-impriża awtonoma jew tal-impriża parent aħħarija, inklużi dawk tal-impriżi affiljati kollha konsolidati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji fir-rigward tas-sena finanzjarja rilevanti.

4. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 għandha tikkonsisti:

(a) fl-isem tal-impriża parent aħħarija jew tal-impriża awtonoma, is-sena finanzjarja kkonċernata, il-munita użata għall-preżentazzjoni tar-rapport, u fejn ikun applikabbli, lista tal-impriżi kollha sussidjarji konsolidati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-impriża parent aħħarija fir-rigward tas-sena finanzjarja rilevanti, stabbilita fl-Unjoni jew f'ġuriżdizzjonijiet tat-taxxa inklużi fl-Annessi I u II tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa;

(b) f'deskrizzjoni qasira tan-natura tal-attivitajiet tagħhom;

(ċ) f'numru ta' impjegati fuq bażi ekwivalenti għal full-time;

(d) fid-dħul, li għandu jiġi kkalkolat bħala:

(i) is-somma tal-fatturat nett, introjtu operatorju ieħor, introjtu minn interessi ta' parteċipazzjoni, eskluż

Verżjoni Elettronika

dividendi riċevuti minn impriżi affiljati, introjtu minn investimenti u self oħra li jiffurmaw parti mill-assi fissi, interessi oħra riċevibbli u introjtu simili kif elenkat fl-Annessi V u VI tad-Direttiva dwar il-Kontabbiltà;

(ii) l-introjtu kif definit mill-qafas ta' rappurtar finanzjarju li abbażi tiegħu jitħejjew id-dikjarazzjonijiet finanzjarji, eskluża aġġustamenti fil-valur u dividendi riċevuti mill-impriżi affiljati; jew

(iii) għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, id-dħul għandu jinkludi t-transazzjonijiet ma' partijiet relatati;

(e) fl-ammont ta' profitt jew telf qabel it-taxxa fuq l-introjtu;

(f) fl-ammont ta' taxxa fuq l-introjtu dovut matul is-sena finanzjarja rilevanti, li għandu jiġi kkalkulat bħala l-ispiża tat-taxxa kurrenti rikonoxxuta fuq profitti jew telf taxxabbli tas-sena finanzjarja minn impriżi u minn fergħat fil-ġurisdizzjoni tat-taxxa rilevanti. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-ispiża tat-taxxa kurrenti għandha tkun relatata biss mal-attivitajiet ta' impriża fis-sena finanzjarja rilevanti u ma għandhiex tinkludi taxxi differiti jew provvedimenti għal obbligazzjonijiet tat-taxxa inċerti;

(g) fl-ammont ta' taxxa fuq l-introjtu mħallas fuq bażi ta' flus kontanti, li għandu jiġi kkalkulat bħala l-ammont ta' taxxa fuq l-introjtu mħallas matul is-sena finanzjarja rilevanti minn impriżi u minn fergħat fil-ġurisdizzjoni tat-taxxa rilevanti. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, it-taxxi mħallsa għandhom jinkludu taxxi minn ras il-għajn mħallsa minn impriżi oħra fir-rigward ta' pagamenti lil impriżi u fergħat fi grupp; u

(h) fl-ammont ta' qligħ akkumulat fit-tmiem is-sena finanzjarja rilevanti. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-qligħ akkumulat għandu jfisser is-somma tal-profitti mis-snin finanzjarji preċedenti u s-sena finanzjarja rilevanti, li l-mod tad-distribuzzjoni tagħhom ikun għadu ma ġiex deċiż. Fir-rigward ta' fergħat, il-qligħ akkumulat għandu jkun dak tal-impriża li fetħet il-fergħa.

5. L-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 3 għandha tiġi rappurtata abbażi tal-istruzzjonijiet ta' rappurtar imsemmija fit-Taqsima III, Partijiet B u Ċ, tal-Anness III tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-direttiva 77/

Verżjoni Elettronika

799/KEE.

6. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 4 u 5 għandha tiġi ppreżentata bl-użu ta' mudell komuni u formati elettroniċi ta' rappurtar li jinqraw mill-magni, kif jistgħu jiġu adottati mill-Kummissjoni Ewropea minn żmien għal żmien.

7. (1) Ir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu għandu jippreżenta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 4 jew 5 b'mod separat għal kull Stat Membru u għal kull stat li jkun membru taż-Żona Ekonomika Ewropea. Meta Stat Membru jinkludi bosta ġuriżdizzjonijiet tat-taxxa, l-informazzjoni għandha tiġi aggregata fuq livell ta' Stat Membru. Meta stat li hu membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jinkludi bosta ġuriżdizzjonijiet tat-taxxa, l-informazzjoni għandha tiġi aggregata fuq livell ta' stat li hu membru taż-Żona Ekonomika Ewropea.

(2) Ir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu għandu jippreżenta wkoll l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 4 jew 5 separatament għal kull ġuriżdizzjoni tat-taxxa li, fl-1 ta' Marzu tas-sena finanzjarja li għaliha għandu jitfassal ir-rapport, tkun elenkata fl-Anness I tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għall-finijiet ta' taxxa, u għandu jipprovdi tali informazzjoni b'mod separat għal kull ġuriżdizzjoni ta' taxxa li, fl-1 ta' Marzu tas-sena finanzjarja li għaliha għandu jitfassal ir-rapport u fl-1 ta' Marzu tas-sena finanzjarja preċedenti, tkun elenkata fl-Anness II tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għall-finijiet ta' taxxa.

(3) Ir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu għandu wkoll jippreżenta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 4 jew 5 fuq bażi aggregata għal ġuriżdizzjonijiet oħrajn tat-taxxa.

(4) L-informazzjoni għandha tiġi attribwita għal kull ġuriżdizzjoni rilevanti tat-taxxa abbażi ta' stabbiliment, tal-eżistenza ta' post fiss ta' negozju jew ta' attività permanenti ta' negozju li, minħabba l-attivitajiet tal-grupp jew tal-impriża awtonoma, jistgħu jkunu soġġetti għal taxxa fuq l-introjtu f'dik il-ġuriżdizzjoni tat-taxxa.

(5) Fejn l-attivitajiet ta' diversi impriżi affiljati jistgħu jkunu soġġetti għal taxxa fuq l-introjtu f'ġuriżdizzjoni unika tat-taxxa, l-informazzjoni attribwita għal dik il-ġuriżdizzjoni tat-taxxa għandha tirrappreżenta l-għadd totali tal-informazzjoni relatata ma' tali attivitajiet ta' kull impriża affiljata u l-fergħat tagħhom f'dik il-ġuriżdizzjoni tat-taxxa.

Verżjoni Elettronika

(6) L-informazzjoni dwar kwalunkwe attività partikolari ma għandhiex tkun attribwita simultanjament għal aktar minn ġuriżdizzjoni waħda tat-taxxa.

8. (1) Element speċifiku wieħed jew aktar ta' informazzjoni li b'mod ieħor ikunu meħtieġa li jiġu żvelati skont il-paragrafi 4 jew 5 jistgħu jitħallew barra temporanjament mir-rapport fejn l-iżvelar tagħhom ikun ta' preġudizzju serju għall-pożizzjoni kummerċjali tal-impriżi li għalihom jirreferi r-rapport. Kwalunkwe ommissjoni għandha tiġi indikata b'mod ċar fir-rapport flimkien ma' spjegazzjoni debitament motivata dwar ir-raġunijiet għaliha.

(2) L-informazzjoni kollha li titħalla barra skont l-ewwel subparagrafu għandha ssir pubblika f'rapport sussegwenti rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu, sa mhux aktar minn ħames (5) snin mid-data tal-ommissjoni oriġinali tagħha.

(3) L-informazzjoni relatata mal-ġuriżdizzjonijiet tat-taxxa inklużi fl-Annessi I u II tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għall-finijiet ta' taxxa kif imsemmija fil-paragrafu 5, ma għandha qatt titħalla barra.

9. Ir-rapport fuq l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu jista' jinkludi, fejn applikabbli fil-livell ta' grupp, deskrizzjoni narrattiva kumplessiva li tipprovdi spjegazzjonijiet għal kwalunkwe diskrepanzi materjali bejn l-ammonti żvelati skont il-paragrafi 4(f) u (g), filwaqt li jitqiesu, jekk xieraq, l-ammonti korrispondenti li jikkonċernaw is-snin finanzjarji preċedenti.

10. (1) Il-munita li tintuża fir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu għandha tkun il-munita li fiha huma ppreżentati d-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati tal-impriża parent aħħarija jew id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali tal-impriża awtonoma. Dan ir-rapport jista' ma jkunx ippubblikat f'munita differenti minn dik li tintuża fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji.

(2) Madankollu, fil-każ imsemmi fl-ewwel proviso għas-subartikolu (5) tal-artikolu 213B, il-munita użata fir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu għandha tkun il-munita li fiha l-impriża sussidjarja tippubblika d-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali tagħha.

11. Ir-rapport fuq l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu għandu jispeċifika jekk tħejjiex skont il-paragrafi 4 jew 5.

Verżjoni Elettronika

Pubblikazzjoni u aċċessibbiltà

12. Ir-rapport fuq l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu u d-dikjarazzjoni msemmija fl-artikolu 213B għandhom jiġu ppubblikati fi żmien tnax (12)-il xahar wara d-data tal-karta tal-bilanċ tas-sena finanzjarja li għaliha jkun tfassal ir-rapport kif provdut minn kull Stat Membru jew bil-liġi ta' stat li hu membru taż-Żona Ekonomika Ewropea f'konformità mal-Artikoli 14 sa 28 tad-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar kumpaniji, u fejn rilevanti, f'konformità mal-Artikolu 36 tal-istess Direttiva.

13. Ir-rapport fuq l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu u d-dikjarazzjoni ppubblikati mill-impriżi skont il-paragrafu 12 għandhom isiru aċċessibbli għall-pubbliku f'mill-inqas lingwa uffiċjali waħda tal-Unjoni, mingħajr ħlas, sa mhux aktar tard minn tnax (12)-il xahar wara d-data tal-karta tal-bilanċ tas-sena finanzjarja li għaliha jkun tfassal ir-rapport fis-sit tal-web:

(a) tal-impriża, fejn ikun japplika l-artikolu 213B(1) jew (2);

(b) tal-impriża sussidjarja jew ta' impriża affiljata, fejn ikun japplika l-artikolu 213B(5); jew

(ċ) tal-fergħa jew tal-impriża li tkun fetħet il-fergħa jew ta' impriża affiljata, fejn ikun japplika l-artikolu 213B(6).

14. L-impriżi għandhom jibagħtu r-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu u d-dikjarazzjoni ppubblikati minnhom skont il-paragrafu 12 lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni fi żmien erbatax (14)-il ġurnata minn tali pubblikazzjoni, liema rapport u dikjarazzjoni għandhom isiru aċċessibbli għall-pubbliku f'format elettroniku ta' rappurtar li jinqara mill-magni, fuq is-sit tal-web tar-reġistru, u mingħajr ħlas lil kwalunkwe terza persuna li tinsab fl-Unjoni.

15. Ir-rapport imsemmi fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 213B(1), (5), (6), (7) u (8) u, fejn applikabbli, id-dikjarazzjoni msemmija fl-artikolu 213B(5) u (6), għandhom jibqgħu aċċessibbli fis-sit tal-web rilevanti għal minn tal-anqas ħames (5) snin konsekuttivi.".

Emenda tal-Ħdax-il Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

21. Il-Ħdax-il Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih wara l-partita:

"79(4)	Nuqqas ta' uffiċjal li jikkonsenja kopja ta' riżoluzzjoni li tibdel jew iżżid mal-memorandum jew l-istatut ta' kumpanija lir-Reġistratur jew nuqqas li jikkonsenja memorandum jew statut emendat	€465.87	€23.29"

għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"83(12)	Nuqqas ta' uffiċjal ta' kumpanija li jibgħat kopja tal-avviż ta' tnaqqis tal-kapital azzjonarju maħruġ lir-Reġistratur, meta applikabbli	€465.87	€23.29";

(b) minnufih wara l-partita:

"106(2)	Nuqqas ta' uffiċjali ta' kumpanija li jagħtu lir-Reġistratur kopja ta' riżoluzzjoni ta' kumpanija biex takkwista l-azzjonijiet tagħha stess mhux bil-mezz ta' sottoskrizzjoni	€465.87	€23.29"

għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"106(8)	Nuqqas ta' uffiċjali ta' kumpanija li jagħtu lir-Reġistratur kopja tal-avviż għar-reġistrazzjoni fi żmien erbatax-il jum minn meta l-kanċellament tal-azzjonijiet isir effettiv	€465.87	€23.29";

(ċ) il-partita

"183(10)	Diretturi li jonqsu li jikkonsenjaw jew li jikkonsenjaw kontijiet annwali difettużi lir-Reġistratur	€2,329.37	€46.59"

għandha tiġi sostitwita bil-partita ġdida li ġejja:

"183(6)	Diretturi li jonqsu li jikkonsenjaw jew li jikkonsenjaw kontijiet annwali difettużi lir-Reġistratur	€2,329.37	€46.59";

(d) minnufih wara l-partita:

"212(9)	Membru wieħed li jonqos li jirreġistra bil-miktub kull ftehim bejnu u bejn il-kumpanija	€1,164.69	xejn",

Verżjoni Elettronika

għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"213Ċ(4)	Nuqqas tad-diretturi jew persuni li josservaw id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-obbligi ta' rappurtar taħt l-artikoli 213B, 213Ċ, 213D u t-Taqsima II tar-Raba' Skeda	€2,329.37	€46.59".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 242 tal-14 ta' Mejju, 2024.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

ELEANOR SCERRI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati